Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Ġunju 2023**
**(OR. en)**

**10126/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0165(COD)**

**TRANS 221**
**MAR 80**
**OMI 47**
**CODEC 1016**
**IA 132**
**ILO 6**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 1 ta' Ġunju 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 271 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 271 final.

Mehmuż: COM(2023) 271 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.6.2023
COM(2023) 271 final

2023/0165 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2023) 202 final} - {SWD(2023) 148 final} - {SWD(2023) 149 final}

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta tikkonċerna emenda għad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar il-kontroll mill-Istat tal-Port[1].

Id-Direttiva 2009/16/KE (minn hawn ’il quddiem id-Direttiva) tirregola l-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port fil-livell tal-UE. Il-kontroll mill-Istat tal-port (PSC) huwa sistema ta’ spezzjoni ta’ vapuri barranin f’portijiet ta’ stati għajr l-Istat tal-bandiera mill-uffiċjali tal-PSC biex jivverifikaw li l-kompetenza tal-kaptan, tal-uffiċjali u tal-ekwipaġġ abbord, il-kundizzjoni ta’ vapur, u t-tagħmir tiegħu jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-konvenzjonijiet internazzjonali – u fl-Unjoni Ewropea, mad-dritt applikabbli tal-UE. B’hekk, il-PSC huwa importanti fl-iżgurar tas-sikurezza marittima u fil-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar.

Minħabba l-istorja u n-natura internazzjonali tiegħu, it-trasport marittimu żviluppa struttura regolatorja speċifika. Fil-livell globali, il-qafas legali internazzjonali ġie adottat taħt il-patroċinju tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali [2] (OMI) u r-regoli li jirregolaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien abbord il-vapuri huma promulgati minn aġenzija oħra tan-NU, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).

Ir-responsabbiltà primarja għall-monitoraġġ tal-konformità tal-vapuri mal-istandards tal-OMI u tal-ILO hija tal-Istat fejn il-vapur huwa rreġistrat u li l-vapur għandu n-nazzjonalità tiegħu – l-Istat tal-bandiera. Madankollu, ir-regoli tal-Istat tal-bandiera japplikaw biss għal bastimenti li jtajru dik il-bandiera. Għad hemm Stati tal-bandiera li huma lesti li jippermettu bastimenti substandard joperaw taħt il-bnadar tagħhom jew li ma jistgħux jinfurzaw b’mod adegwat ir-regoli internazzjonali. Għalhekk, ħafna mill-konvenzjonijiet tekniċi l-aktar importanti tal-OMI fihom dispożizzjonijiet għall-vapuri li għandhom jiġu spezzjonati meta l-bastimenti jżuru portijiet barranin sabiex jiżguraw li jissodisfaw ir-rekwiżiti internazzjonali.

Sabiex tittejjeb l-effettività, l-Istati tal-port li jwettqu spezzjonijiet tal-PSC bdew jikkoordinaw il-ħidma tagħhom b’mod sistematiku fil-livell reġjonali. Il-Memorandum ta’ Qbil ta’ Pariġi dwar il-kontroll mill-Istat tal-port (minn hawn ’il quddiem l-“MtQ[3] ta’ Pariġi”) imfassal fl-1982 huwa l-ewwel minn disa’ strutturi intergovernattivi madwar id-dinja. L-24 Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) kollha b’portijiet tal-baħar, kif ukoll il-Kanada, il-Federazzjoni Russa[4] u r-Renju Unit, huma firmatarji tal-MtQ ta’ Pariġi. L-UE mhijiex membru.

Id-Direttiva dwar il-PSC tinkorpora l-proċeduri u l-għodod tal-MtQ ta’ Pariġi kif miftiehem fl-2009. L-MtQ ta’ Pariġi u d-Direttiva dwar il-PSC huma bbażati fuq il-kunċetti ta’ piż kondiviż u spezzjonijiet immirati u armonizzati. Il-Kummissjoni, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

[1] ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57

[2] Ir-regoli internazzjonali jinkludu l-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS 74), il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti (MARPOL 73/78), l-Istandards ta’ Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara (STCW), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linji tat-Tagħbija, 1966 u l-Konvenzjoni dwar ir-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta’ Kolliżjonijiet fuq il-Baħar, 1972 (COLREG 72).

[3] www.parismou.org

[4] Wara l-invażjoni tal-Ukrajna, is-sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-MtQ ta’ Pariġi ġiet sospiża f’Mejju 2022.

(EMSA), tipprovdi lill-Istati Membri kollha tal-MtQ ta' Pariġi u taż-ŻEE bl-appoġġ tekniku meħtieġ sabiex jiġi deċiż liema bastimenti għandhom jispezzjonaw, u sabiex jirrapportaw u jikkondividu r-riżultati tal-ispezzjonijiet tal-PSC permezz tal-bażi tad-*data* THETIS (ospitata mill-EMSA) u bit-taħriġ dwar kif għandhom jitwettqu l-ispezzjonijiet. L-Istati Membri taż-ŻEE jingħataw ukoll informazzjoni dwar il-bastimenti skedati li jidħlu fil-portijiet tagħhom permezz tas-sistema tal-Unjoni għall-iskambju ta' informazzjoni marittima "SafeSeaNet"[5] sabiex ikunu jistgħu jippjanaw l-ispezzjonijiet tagħhom.

L-objettivi ewlenin tad-Direttiva dwar il-PSC huma li:

(i) ittejjeb is-sikurezza u s-sigurtà marittima kontinwament;

(ii) ittejjeb il-prevenzjoni tat-tniġġis u tal-impatt ambjentali kontinwament;

(iii) ittejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol abbord kontinwament;

(iv) tevita distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

Għal dan l-għan, l-elementi ewlenin tar-reġim tal-PSC tal-UE huma:

(i) li jittieħed approċċ armonizzat għall-ispezzjonijiet u għad-detenzjonijiet;

(ii) li kull Stat Membru jimpenja ruħu għal impenn annwali ta' spezzjoni

(iii) li l-vapuri jiġu mmirati għal spezzjoni abbażi ta' profil ta' riskju tal-vapur (SRP) għal kull vapur individwali u

(iv) li jinżammu r-rekords u tiġi kondiviża l-informazzjoni (bażi tad-*data* tal-ispezzjoni).

Minn meta daħlet fis-seħħ, id-Direttiva ġiet emendata biex tiġi infurzata l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (MLC, 2006)[6]. Barra minn hekk, fl-UE, japplikaw regoli speċifiċi partikolari għal laneċ f'servizz regolari,[7] rekwiżiti tal-assigurazzjoni,[8] il-kontroll tal-iskart iġġenerat mill-vapuri u r-residwi tal-merkanzija[9], ir-riċiklaġġ sikur u ambjentalment korrett tal-vapuri[10] u l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika (MRV) tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG)[11] meta l-ispezzjonijiet tal-PSC jivverifikaw l-infurzar ta' dawn ir-regoli. Għal atti legali oħrajn tal-UE, bħall-kontroll tal-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils tal-baħar, il-PSC jintuża wkoll biex jivverifika fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati

---

5 Din hija sistema ospitata u żviluppata mill-EMSA li tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu u jirċievu informazzjoni dwar il-vapuri u l-merkanzija perikoluża tagħhom. Din tipprovdi, fost l-oħrajn, l-identifikazzjoni, il-pożizzjoni u l-istatus ta' vapur; il-ħinijiet tat-tluq u tal-wasla; rapporti dwar l-inċidenti, dettalji dwar il-merkanzija perikoluża.

6 Id-Direttiva 2013/38/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 1)

7 Id-Direttiva (UE) 2017/2110 tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE (ĠU L 315, 30.11.2017)

8 Id-Direttiva 2009/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-assigurazzjoni tas-sidien ta' vapuri għal pretensjonijiet marittimi (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 128)

9 Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 11)

10 Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1)

11 Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55)

Membri tal-UE mill-PSC[12]. Il-kontroll mill-Istat tal-port fl-UE huwa bbażat l-aktar fuq ir-regoli u l-proċeduri tal-MtQ ta' Pariġi iżda dawn id-dispożizzjonijiet tal-UE ma japplikawx għall-firmatarji mhux taż-ŻEE tal-MtQ ta' Pariġi.

Id-Direttiva kienet soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u kontroll tal-idoneità marittima (flimkien ma' partijiet oħrajn ta' leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza marittima) fl-2018. Minn meta daħlet fis-seħħ id-Direttiva, din ġiet immonitorjata kontinwament ukoll mill-Kummissjoni li identifikat il-kwistjonijiet problematiċi li ġejjin:

1) ir-rekwiżiti kurrenti tal-UE ma humiex allinjati mar-regoli obbligatorji internazzjonali ġodda u mal-proċeduri l-ġodda miftiehma fil-livell reġjonali (l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali – l-OMI, u l-MtQ ta' Pariġi);

2) ir-rekwiżiti kurrenti tal-UE ma japplikawx għall-bastimenti tas-sajd – ċerti konvenzjonijiet internazzjonali li japplikaw għal bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru, li jistgħu jiġu infurzati mill-PSC, ma jiġux spezzjonati jew ma jiġux spezzjonati b'mod koordinat;

3) hemm distribuzzjoni mhux uniformi tal-ispezzjonijiet tal-PSC madwar il-portijiet tal-UE;

4) id-disinn kurrenti tal-profil ta' riskju tal-vapur u l-mekkaniżmu ta' mmirar użat biex jintgħażlu l-vapuri għall-ispezzjoni, ma humiex aġġornati;

5) is-sistema tiddependi wisq fuq sistema kumplessa ta' ċertifikati bbażati fuq il-karta, u

6) hemm proċeduri inadegwati u mhux flessibbli u riżorsi tal-PSC inadegwati (ħiliet, taħriġ).

Il-problemi identifikati jeżistu madwar l-UE kollha u għandhom l-istess kawżi sottostanti. Fin-nuqqas ta' azzjoni tal-UE, l-Istati Membri jirriskjaw li jaħdmu b'mod mhux koordinat u mhux armonizzat. Hemm valur ċar tal-UE fit-titjib tad-Direttiva sabiex jiġu indirizzati l-problemi identifikati.

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni ħejjiet proposta biex temenda d-Direttiva 2009/16/KE. L-objettivi speċifiċi tal-proposta huma li:

– Taġġorna u tallinja l-leġiżlazzjoni tal-UE mar-regoli u mal-proċeduri internazzjonali, stabbiliti mill-OMI/ILO jew mill-MtQ ta' Pariġi;

– Tipproteġi l-bastimenti tas-sajd, l-ekwipaġġ tagħhom u l-ambjent. Bastimenti tas-sajd akbar b'tul ta' aktar minn 24 metru ma humiex inklużi fl-ambitu tal-kontroll mill-Istat tal-port. Sistema volontarja ta' kontroll għal dan it-tip ta' bastiment – għandha żżid il-livell ta' konformità mal-istandards internazzjonali ta' sikurezza u ta' protezzjoni ambjentali applikabbli għal dawn il-bastimenti;

– Tiżgura użu akbar ta' soluzzjonijiet diġitali. B'mod partikolari, din tinkoraġġixxi l-adozzjoni u l-użu ta' ċertifikati statutorji elettroniċi billi torbot l-użu tagħhom mal-profil ta' riskju tal-vapur użat biex jimmira u jagħżel il-vapuri għall-ispezzjoni.

– Tiżgura approċċ effiċjenti u armonizzat għat-twettiq tal-ispezzjonijiet tal-PSC. Dan jinkludi l-immirar aħjar tal-bastimenti għall-ispezzjoni billi jiġu ristrutturati l-aspetti mhux aġġornati tal-profil ta' riskju tal-vapur u jiżdiedu komponenti ġodda miegħu.

[12] Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (kodifikazzjoni) (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58)

Għal raġunijiet ta' ċarezza u konsistenza, din il-proposta taġġorna wkoll għadd ta' definizzjonijiet u referenzi għal-leġiżlazzjoni relatata tal-UE u għar-Regolamenti dwar l-OMI.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ mad-Direttiva 2009/18/KE[13] dwar l-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi u d-Direttiva 2009/21/KE[14] dwar ir-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera. Dawn it-tliet Direttivi tal-UE dwar is-sikurezza marittima huma bbażati kollha fuq ir-regoli u l-istandards stabbiliti mill-OMI fil-livell internazzjonali, u flimkien jiffurmaw il-bażi għas-sistema tal-UE li tiżgura s-sikurezza tal-operazzjonijiet marittimi fl-ilmijiet tal-UE.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-UE**

Il-proposta tifforma parti mill-programm REFIT tal-Kummissjoni u timplimenta l-aġenda tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar billi tiżgura li l-leġiżlazzjoni eżistenti tkun sempliċi u ċara, ma toħloqx piż bla bżonn u żżomm il-pass mal-iżviluppi politiċi, soċjetali u teknoloġiċi li qegħdin jevolvu. Din il-proposta u proposti relatati għar-reviżjoni tad-Direttivi l-oħrajn dwar is-sikurezza marittima huma wkoll parti minn u għandhom interazzjoni sinifikanti mal-korp tad-dritt tal-Unjoni li jirregola s-sikurezza marittima li jinkludi s-sistema ta' monitoraġġ u informazzjoni dwar it-traffiku ta' bastimenti tal-UE (SafeSeaNet)[15], ir-Regolament li jistabbilixxi l-EMSA[16], id-Direttiva dwar is-sikurezza tal-bastimenti tas-sajd[17], il-leġiżlazzjoni tal-UE relatata ma' organizzazzjonijiet rikonoxxuti[18], id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marina[19] u leġiżlazzjoni ambjentali oħra tal-UE[20].

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika tad-Direttiva emendatorja hija l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, li jipprevedi miżuri sabiex tittejjeb is-sikurezza tat-trasport u dispożizzjonijiet speċifiċi għat-trasport bil-baħar.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Peress li l-istrumenti internazzjonali fil-qasam tal-PSC fis-settur tat-trasport marittimu huma kompetenza esklużiva tal-UE skont l-Artikolu 3(2) tat-TFUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax, la għal dawk l-istrumenti u lanqas għar-regoli tal-UE li jimplimentaw dawk il-ftehimiet.

- **Proporzjonalità**

Il-Kummissjoni ħejjiet il-proposta biex tirrifletti l-aħħar żviluppi fil-livell internazzjonali u r-riżultati tal-evalwazzjoni *ex post* tal-2018 u tal-proċeduri REFIT. Il-Kummissjoni wettqet ukoll valutazzjoni tal-impatt biex tidentifika, tivvaluta u tevalwa miżuri alternattivi biex jintlaħqu l-istess objettivi.

---

13 ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114

14 ĠU L 131, 28.5.2009, p.132

15 Id-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10)

16 ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1

17 ĠU L 34, 9.2.1998, p. 1

18 Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11) u d-Direttiva 2009/15/KE dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 47)

19 ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19

20 Bħad-Direttiva 92/43/KEE (id-"Direttiva dwar il-Ħabitats"), id-Direttiva 2009/147/KE (id-"Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar"), id-Direttiva (UE) 2019/904 (id-Direttiva dwar il-plastik li jintuża darba biss)

L-objettiv tal-emenda proposta huwa li tittejjeb is-sikurezza marittima billi jkun hemm sistema aġġornata, koerenti u armonizzata ta' spezzjonijiet tal-PSC madwar l-UE biex jiġi mmirat it-tbaħħir li ma jkunx qiegħed jagħti prestazzjoni tajba u b'hekk tittejjeb is-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali tal-bastimenti li joperaw fl-ilmijiet tal-UE. Din tqis li huwa xieraq li l-ambitu tal-PSC jiġi estiż għal bastimenti tas-sajd akbar huwa meqjus proporzjonat peress li se jkun volontarju għal dawk l-Istati Membri li jixtiequ jwettqu dan it-tip ta' spezzjoni. Din il-miżura għandha ttejjeb il-kundizzjonijiet tas-sikurezza, ambjentali u tax-xogħol u tal-għajxien fis-settur tas-sajd. Il-pass lejn id-diġitalizzazzjoni u l-użu taċ-ċertifikati elettroniċi se joħloq kostijiet iżda dawn se jkunu limitati u se jiġu kkumpensati mill-benefiċċji mistennija f'termini ta' impatt akbar fuq is-sikurezza u l-effiċjenza li huma mistennija li jagħtu. Minħabba n-natura internazzjonali tas-settur, ma hemm l-ebda miżura alternattiva biex dawn ir-riżultati jinkisbu b'mod aktar effettiv u effiċjenti.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-proposta tirrikjedi biss li jsiru diversi emendi għad-Direttiva 2009/16/KE, Direttiva emendatorja hija l-aktar strument legali xieraq.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni *ex post* tar-REFIT tal-2018 u l-kontroll tal-idoneità tat-trasport marittimu kkonkludew li, għalkemm id-Direttiva tillimita l-flessibbiltà tal-MtQ ta' Pariġi sa ċertu punt, din iżżid il-valur, billi tgħaqqad qafas ta' kontroll mill-Istat tal-port ma' mekkaniżmu ta' infurzar legali, biex tiżgura implimentazzjoni korretta u konsistenti fl-Istati Membri. Dan irriżulta fi pressjoni biex jinkisbu riżultati u jkun hemm titjib kontinwu, u b'hekk għal allokazzjoni aħjar tar-riżorsi fil-livell tal-Istati Membri għall-kontroll mill-Istat tal-port. L-evalwazzjoni kkonkludiet li d-Direttiva kkontribwiet għall-objettivi maħsuba sabiex jittejbu s-sikurezza marittima, is-sigurtà, il-prevenzjoni tat-tniġġis u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol u tal-għajxien abbord.

L-EMSA appoġġat ir-reġim ta' kontroll mill-Istat tal-port b'modi importanti. Aktar minn żewġ terzi tal-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE li jwettqu spezzjonijiet jużaw esklużivament it-THETIS biex jagħżlu liema bastimenti għandhom jispezzjonaw. Ir-rwol tal-EMSA fil-ġestjoni u fl-aġġornament tat-THETIS, u t-taħriġ ipprovdut mill-EMSA tal-ispetturi sabiex jiġu armonizzati l-ispezzjonijiet fir-reġjun kollu tal-MtQ ta' Pariġi, instab li kien importanti ħafna wkoll.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-EMSA mmonitorjaw kontinwament l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Peress li r-rapporti ta' spezzjoni tal-PSC jridu jittellgħu fit-THETIS malli titlesta spezzjoni, l-EMSA għandha ħarsa ġenerali kważi f'ħin reali u dettaljata tal-ispezzjonijiet kollha mwettqa. L-EMSA tipprovdi wkoll help desk u assistenza teknika lill-Istati Membri li jirrikjedu l-assistenza, u twettaq żjarat lill-Istati Membri taż-ŻEE biex tivverifika l-konformità.

Madankollu, il-kontroll tal-idoneità tat-trasport marittimu u l-analiżi orizzontali mill-EMSA identifikaw diversi oqsma li jistgħu jittejbu fir-reġim tal-PSC.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-attivitajiet ta' konsultazzjoni ewlenin kienu jinkludu:

– Erba' intervisti esploratorji ma' rappreżentanti fil-livell tal-UE ta' partijiet ikkonċernati ewlenin, b'mod partikolari biex jappoġġaw u jirfinaw id-definizzjoni ġenerali tal-problema u l-għażliet ta' politika possibbli.

– Stħarriġ immirat tal-partijiet ikkonċernati organizzat mill-konsulent inkarigat mill-istudju ta' appoġġ estern għall-valutazzjoni tal-impatt, bejn is-7 ta' Settembru 2021 u s-6 ta' Ottubru 2021. L-istħarriġ intbagħat lill-partijiet ikkonċernati ewlenin b'talbiet speċifiċi għal informazzjoni, b'mod partikolari biex tiġi sostnuta l-valutazzjoni tal-impatti ta' miżuri ta' politika possibbli.

– Il-konsulent inkarigat mill-istudju ta' appoġġ estern għall-valutazzjoni tal-impatt, organizza 22 intervista mmirata li saru mit-13 ta' Lulju 2021 sas-16 ta' Settembru 2021, mal-partijiet ikkonċernati ewlenin biex jimlew talbiet speċifiċi għal informazzjoni, b'mod partikolari biex tiġi appoġġata l-valutazzjoni tal-impatti ta' miżuri ta' politika possibbli.

– Attivitajiet ta' konsultazzjoni addizzjonali organizzati mid-DĠ MOVE u mill-konsulent inkarigat mill-istudju ta' appoġġ estern għall-valutazzjoni tal-impatt sabiex jiġu kkonsultati l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ewlenin sabiex jinstiltu l-fehmiet tagħhom dwar il-miżuri ta' politika differenti u jiġu vvalidati r-riżultati emerġenti u finali tal-istudju ta' appoġġ għall-Valutazzjoni tal-Impatt f'termini tal-kwantifikazzjoni tal-impatti. Dawn l-attivitajiet saru matul il-laqgħat tal-Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settorjali tal-UE dwar it-trasport marittimu (16 ta' April 2021, 23 ta' Settembru 2021 u 16 ta' Diċembru 2021), il-Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settorjali tal-UE dwar is-Sajd fil-Baħar (29 ta' Jannar 2021, 8 ta' Marzu 2021 u 16 ta' Novembru 2021), il-Kumitat tad-Djalogu Soċjali tas-Settur tal-UE dwar il-portijiet (19 ta' Novembru 2021), laqgħa informali tad-Diretturi tat-Trasport Marittimu tal-UE/taż-ŻEE (30 ta' Novembru 2021), laqgħat virtwali u personali tal-Kumitat tal-Kontroll mill-Istat tal-Port tal-MtQ ta' Pariġi (Mejju 2021 u Mejju 2022), laqgħat tal-Kumitat tal-UE dwar l-Ibħra Sikuri u l-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti (17 ta' Mejju 2021, 11 ta' Novembru 2021 u 31 ta' Mejju 2022).

L-informazzjoni miġbura mill-partijiet ikkonċernati kienet kruċjali biex tippermetti lill-Kummissjoni tirfina t-tfassil tal-għażliet ta' politika kif ukoll biex tivvaluta l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom. Dan ippermetta lill-Kummissjoni tqabbel l-għażliet u taċċerta liema hija probabbli li tilħaq l-aħjar proporzjon ta' kostijiet-benefiċċji għas-soċjetà u li tgħin sabiex jinkiseb mekkaniżmu ta' kontroll mill-Istat tal-port aktar effettiv u effiċjenti li jimmira aħjar it-tbaħħir substandard. Is-sejbiet minn dawk il-proċessi kkomplementaw ir-riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni mwettqa bħala parti mill-ħidma fuq l-istudju ta' appoġġ estern.

• **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Dan ir-rieżami jibni primarjament fuq id-*data* miġbura matul l-evalwazzjoni *ex post* tal-2018 u l-proċess ta' kontroll tal-idoneità tat-trasport marittimu msemmi qabel.

It-tħejjija ta' din il-proposta kienet tirrikjedi wkoll kontribut minn esperti mill-Kummissjoni u mill-EMSA dwar il-formulazzjoni speċifika ta' definizzjonijiet tekniċi u abbozzar legali ċar.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat tliet għażliet ta' politika għar-reviżjoni tad-Direttiva, abbażi tal-prinċipji gwida li ġejjin:

(1) il-ħtieġa li d-Direttiva tiġi aġġornata u allinjata ma' strumenti internazzjonali;

(2) il-potenzjal li tiġi indirizzata l-problema speċifika tal-flotta tal-bastimenti tas-sajd billi jiġi previst reġim PSC speċifiku għal tali bastimenti;

(3) diġitalizzazzjoni akbar tal-metodi tal-PSC sabiex ikunu jistgħu jsiru spezzjonijiet tal-PSC imħejjija u ffokati aħjar – id-Direttiva trid tiffaċilita u tipprovdi inċentivi għall-użu ta' ċertifikati statutorji elettroniċi;

(4) approċċ effiċjenti u armonizzat għall-ispezzjonijiet tal-PSC, li jibbaża fuq l-esperjenza tal-passat fl-implimentazzjoni tad-Direttiva u jimmira aħjar il-bastimenti għall-ispezzjoni.

L-għażla A tipproponi għadd ta' bidliet fid-Direttiva biex jintlaħaq aħjar l-għan li tittejjeb is-sikurezza marittima u jiġi evitat it-tniġġis. Din l-għażla hija ffukata l-aktar fuq il-fatt li d-Direttiva tinżamm allinjata mal-istrumenti legali internazzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-bidliet l-oħrajn proposti huma miżuri mhux regolatorji fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet, linji gwida u workshops organizzati mill-Kummissjoni u/jew mill-EMSA.

L-għażla B toħloq bilanċ bejn l-għoti ta' flessibbiltà għall-amministrazzjonijiet tal-PSC li huwa bbilanċjat bl-armonizzazzjoni. Sistema PSC volontarja għal dawk l-Istati Membri li jixtiequ jwettqu spezzjonijiet ta' bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru hija proposta b'mod parallel (iżda barra) mad-Direttiva attwali. Dan jinkludi wkoll l-għoti ta' linji gwida, taħriġ tal-EMSA u bażi tad-*data* għall-ispezzjoni tal-EMSA biex jiġu mmirati l-vapuri u biex jiġu rrapportati l-ispezzjonijiet. Dan jinkoraġġixxi l-użu ta' ċertifikati elettroniċi billi jingħaqdu mal-profil ta' riskju tal-vapur.

L-għażla C tinvolvi l-ogħla żieda fil-piż amministrattiv għall-amministrazzjonijiet tal-PSC iżda se tiżgura wkoll l-ogħla livell ta' armonizzazzjoni tal-ispezzjonijiet. Din tinkorpora bis-sħiħ il-PSC għall-bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru fid-Direttiva b'impatt fuq is-sidien/l-operaturi ta' dawn il-bastimenti kif ukoll fuq l-amministrazzjonijiet tal-PSC tal-Istati Membri. Din tagħmel l-użu taċ-ċertifikati elettroniċi obbligatorju fid-Direttiva u tipprevedi l-eliminazzjoni gradwali taċ-ċertifikati stampati sal-2035.

Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet sottomessa lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju għall-approvazzjoni f'Lulju 2022. Il-Bord ħareġ opinjoni pożittiva b'riżervi. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja din il-proposta leġiżlattiva jindirizza l-kummenti magħmula mill-Bord.

- Applikazzjoni tal-approċċ "one in, one out"

Ma ġie identifikat l-ebda kost addizzjonali (kostijiet amministrattivi jew ta' aġġustament) għan-negozji jew għaċ-ċittadini.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni (REFIT)**

L-inizjattiva hija rilevanti għall-programm REFIT tal-Kummissjoni peress li tfittex li tallinja u tissimplifika l-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza marittima, ittejjeb il-profil tas-sikurezza (b'mod partikolari tas-segment akbar tal-flotta tal-bastimenti tas-sajd) u tassisti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' spezzjoni u rapportar.

Barra minn hekk, l-għażla ta' politika ppreferuta tinkludi aspetti ta' simplifikazzjoni, peress li se tiċċara s-sitwazzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jinqabżu l-ispezzjonijiet tal-PSC għal raġunijiet operazzjonali normali jew f'sitwazzjonijiet ta' force majeure. Huwa mistenni li żżid l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni madwar l-UE permezz tal-għoti mill-EMSA ta' assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali tal-PSC b'taħriġ dwar kif għandhom jitwettqu spezzjonijiet ta' bastimenti tas-sajd barranin, u l-forniment ta' bażi tad-*data* dedikata għall-ispezzjonijiet biex jiġu mmirati u magħżula bastimenti għall-ispezzjoni u biex jiġu rreġistrati u kondiviżi r-riżultati tal-ispezzjonijiet

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tagħti lok għal kostijiet attwali netti għall-baġit tal-Unjoni ta' EUR 6,479 miljun matul il-perjodu 2025-2050. L-impatt baġitarju tal-proposta huwa deskritt f'aktar dettall fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva annessa ma' din il-proposta għall-informazzjoni. L-impatt baġitarju tal-proposta diġà huwa inkluż fil-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP kurrenti huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

Ġew identifikati arranġamenti adegwati ta' monitoraġġ u ta' rapportar. L-EMSA se jkollha rwol importanti f'dan il-proċess, peress li l-Aġenzija hija responsabbli għall-iżvilupp u għat-tħaddim ta' sistemi elettroniċi tad-*data* għat-trasport marittimu, b'mod partikolari l-bażi tad-*data* THETIS ta' mmirar u ta' rapportar tal-ispezzjoni.

L-implimentazzjoni tista' tiġi mmonitorjata permezz tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni u/jew tal-EMSA tal-bażi tad-*data* THETIS biex jiġi vverifikat li l-vapuri qegħdin ikunu mmirati b'mod korrett għall-ispezzjoni u li l-ispezzjonijiet qegħdin jitwettqu b'mod korrett u li r-rapporti ta' spezzjoni jittellgħu fil-bażi tad-*data*. L-EMSA twettaq ukoll ċikli ta' żjarat lill-Istati Membri biex tivverifika l-operazzjonijiet fuq il-post bħala parti mir-rwol ta' appoġġ tal-EMSA lill-Kummissjoni[21]. L-Istati Membri se jkollhom sistema ta' ġestjoni tal-kwalità (QMS) biex jiċċertifikaw l-organizzazzjoni, il-politiki, il-proċessi, ir-riżorsi u d-dokumentazzjoni tagħha huma xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tagħha. Dan se jkollu jiġi ċċertifikat u sussegwentement soġġett għal awditjar perjodiku. L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jikkondividu mal-Kummissjoni/mal-EMSA r-riżultati tal-awditi mwettqa mill-korp akkreditat b'tali mod li l-awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll mill-Istat tal-port ikunu jistgħu jżommu ċ-ċertifikazzjoni tal-QMS tagħhom.

Billi ċ-ċiklu sħiħ taż-żjarat ta' implimentazzjoni previsti tal-EMSA huwa skedat li jdum 5 snin[22], huwa propost li ċ-ċiklu ta' evalwazzjoni tad-Direttiva jiġi stabbilit f'intervalli ta' 7 snin.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Id-dokumenti ta' spjegazzjoni ma humiex meħtieġa billi l-proposta għandha l-għan li tissimplifika u tiċċara r-reġim eżistenti.

[21] L-EMSA twettaq tali żjarat skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima bħala parti mill-kompiti ewlenin tagħha; għalhekk, ma huwa mistenni li jirriżulta l-ebda kost addizzjonali.

[22] Kif previst fil-Metodoloġija tal-EMSA għal żjarat fl-Istati Membri, http://emsa.europa.eu/implementation-tasks/visits-and-inspections/items.html?cid=89&id=3065

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Premessa 11 tħeġġeġ lill-Istati Membri kollha tal-UE li huma eliġibbli (Spanja, il-Greċja, Franza, il-Kroazja, l-Italja u s-Slovenja) biex isiru membri tal-Memorandum ta' Qbil Mediterran dwar il-kontroll mill-Istat tal-port biex itejbu l-kwalità u l-kwantità tal-ispezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port imwettqa fil-baċir tal-Mediterran.

L-Artikolu 1 tal-abbozz tad-Direttiva emendatorja jifforma l-parti ewlenija tiegħu u fih emendi għal diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/16/KE.

***Skop, definizzjoni u kamp ta' applikazzjoni***

Fil-punt 1, l-Artikolu 2 huwa emendat u l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva b'hekk jiġi estiż parzjalment biex jinkludi għadd ta' konvenzjonijiet internazzjonali fl-ambitu tal-ispezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port. Dawn huma l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Kontroll u l-Ġestjoni tal-Ilma u s-Sedimenti tas-Saborra tal-Vapuri (il-Konvenzjoni ta' BWM) u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tneħħija ta' Fdalijiet ta' Bastimenti (Nairobi) li t-tnejn huma fis-seħħ u li ġew adottati bħala strumenti rilevanti mill-MtQ ta' Pariġi.

Fil-punt 2, il-kamp ta' applikazzjoni huwa emendat sabiex il-bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru jkunu jistgħu jiġu spezzjonati taħt il-PSC minn dawk l-Istati Membri li jixtiequ jwettqu dawn l-ispezzjonijiet.

***Impenn ta' spezzjoni***

Il-punt 3 jagħmel bidliet fl-impenn ta' spezzjoni (l-hekk imsejjaħ "sehem ġust") u l-mod kif dan jiġi kkalkolat u osservat mill-Istati Membri. Bħalissa, l-impenn ta' spezzjoni huwa bbażat fuq medja kontinwa ta' 3 snin tal-ispezzjonijiet kollha mwettqa fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi. Dan ifisser li, meta l-Istati Membri jispezzjonaw b'mod sinifikanti aktar bastimenti mill-impenn ta' spezzjoni tagħhom, dan, maż-żmien, se jżid b'mod kumulattiv l-impenn ta' spezzjoni għall-Istati Membri kollha. Din iż-żieda ġiet ikkalkolata mill-EMSA għal 1-2 % fis-sena. Din il-miżura hija mfassla biex tindirizza dan il-piż addizzjonali u mhux meħtieġ fuq l-Istati Membri.

Il-punti 4 u 5 jallinjaw id-Direttiva mal-bidliet fil-MtQ ta' Pariġi fir-rigward tal-impenn ta' spezzjoni u jippermettu aktar flessibbiltà għal spezzjonijiet maqbuża (minħabba raġunijiet operazzjonali jew ta' force majeure).

Il-punt 6 jemenda wkoll id-Direttiva biex tippermetti aktar flessibbiltà għal spezzjonijiet maqbuża u biex tikkonforma mal-impenn ta' spezzjoni.

***Sitwazzjonijiet ta' force majeure***

Il-punt 7 jindirizza l-kwistjoni tan-nuqqas ta' flessibbiltà tar-reġim tal-PSC f'każijiet ta' kriżi jew avvenimenti mhux mistennija, bħall-pandemija tal-COVID-19. Sabiex ir-reġim isir aktar reżiljenti, ġie introdott Artikolu 8a ġdid. Il-miżura tippermetti aktar flessibbiltà lill-Istati Membri, peress li tippermettilhom jaqbżu l-ispezzjonijiet f'każijiet ta' force majeure, diment li l-ispezzjoni maqbuża tiġi rreġistrata u r-raġuni għan-nuqqas tal-ispezzjoni tiġi ddokumentata.

***Notifika ta' qabel il-wasla***

Il-punti 8 u 10 jallinjaw id-Direttiva mal-bidliet tal-MtQ ta' Parigi li jneħħu l-obbligu ta' rapportar ta' 72 siegħa għall-bastimenti eliġibbli għal spezzjoni estiża stabbilita fl-Artikolu 9 u fl-Anness III – l-Artikolu 9 u l-Anness III jitħassru. Il-punti 16 u 23 jirriflettu t-tħassir tal-Artikolu 9 u tal-Anness III.

***Parametri ambjentali***

Il-punt 9 jistabbilixxi l-parametri ambjentali li se jitqiesu biex jiġi stabbilit il-profil ta' riskju tal-vapur użat biex jiġu mmirati l-vapuri għall-ispezzjoni

***Spezzjonijiet estiżi***

Il-punt 10 jipprevedi li, minħabba l-kumplessità tagħhom, l-ispezzjonijiet estiżi għandhom jitwettqu minn aktar minn uffiċjal wieħed tal-kontroll mill-Istat tal-port.

***Rifjut tal-aċċess***

Il-punti 12 u 13 jemendaw id-Direttiva biex jallinjawha mal-bidliet adottati mill-MtQ ta' Parigi relatati mal-proċedura ta' rifjut tal-aċċess (projbizzjoni) u l-possibbiltà li jiġu pprojbiti bastimenti li jkunu fuq il-listi griżi jew bojod tal-MtQ ta' Parigi (projbizzjoni kontra l-vapuri lil hinn mill-bandiera li jkunu qed itajru) kif ukoll dispożizzjoni relatata ma' detenzjoni qabel il-waqt jew meta l-bastiment miżmum ma jipproċedix f'baċir għat-tiswija miftiehem.

***Taħriġ mill-EMSA***

Il-punt 14 jistabbilixxi l-possibbiltajiet għall-EMSA li tipprovdi taħriġ lill-Istati Membri tal-UE biex jissodisfaw aħjar ir-responsabbiltajiet tagħhom skont id-Direttiva, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni estiż tal-PSC u t-titjib fl-ambitu u t-tip ta' taħriġ.

Fuq din il-bażi, l-EMSA (flimkien mal-Istati Membri u l-MtQ ta' Ftehim ta' Parigi) se tiżviluppa programm ta' żvilupp u taħriġ professjonali ġdid għall-ispetturi, li għandu jkun magħmul minn (i) sillabu tal-kompetenza u (ii) skema ta' żvilupp professjonali. Ladarba dawn l-aspetti jkunu fis-seħħ, l-Aġenzija għandha tidentifika u tipprovdi ħtiġijiet ġodda ta' taħriġ biex temenda l-kurrikuli, is-sillabi u l-kontenut tal-programm ta' żvilupp u taħriġ professjonali għall-ispetturi, speċjalment fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda u fir-rigward tal-obbligi addizzjonali li jirriżultaw minn konvenzjonijiet ġodda tal-OMI.

***Bażi tad-data, kondiviżjoni tal-informazzjoni u ċertifikati elettroniċi***

Il-punt 15 jemenda d-Direttiva biex jiċċara u jistabbilixxi l-perjodu ta' żmien li fih għandhom jiġu kkomunikati n-notifiki tal-wasla u tat-tluq tal-vapur lil SafeSeaNet. L-Artikolu 24(2) tad-Direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li din id-*data* tiġi "ttrasferita għal fuq il-ġabra ta' *data* għall-ispezzjonijiet". Id-Direttiva se tiġi emendata biex tinkludi xi jfisser ħin raġonevoli sabiex ir-rapportar tal-ħinijiet attwali tal-wasla u tat-tluq jiġi rrapportat fi żmien 3 sigħat. Din tipprevedi wkoll li r-rapporti kollha ta' spezzjoni tal-PSC jiġu vvalidati minn persuna (spettur jew superviżur ieħor tal-kontroll mill-Istat tal-port) għajr l-ispettur li wettaq l-ispezzjoni qabel ma r-rapport ta' spezzjoni jiġi ttrasferit fil-bażi tad-*data*.

Il-punt 16 jemenda d-Direttiva biex jiżdied Artikolu ġdid li jipprevedi u jħeġġeġ l-użu ta' ċertifikati elettroniċi. Dawn jiddependu fuq mudell komuni, jużaw għodda u repożitorju komuni ta' validazzjoni fil-livell tal-UE, li jorbtu l-użu ta' ċertifikati elettroniċi mal-profil ta' riskju tal-vapur. Din il-miżura se

tħeġġeġ il-ħruġ ta' ċertifikati elettroniċi mill-Istati tal-bandiera jew minn Organizzazzjonijiet Rikonoxxuti (OR) li jaġixxu f'isimhom (filwaqt li tippermetti l-użu kontinwu tagħhom fil-PSC) billi tippremja dawn iċ-ċertifikati elettroniċi b'punti (billi żżid parametru mal-profil ta' riskju tal-vapur) lejn li jitqiesu bħala vapuri b'riskju baxx u għalhekk ikunu anqas immirati mill-ispezzjonijiet tal-PSC.

***Sistema ta' ġestjoni tal-kwalità***

Il-punt 18 jemenda d-Direttiva biex din tirrikjedi li l-Istati Membri jiżviluppaw u japplikaw sistema ta' ġestjoni tal-kwalità (QMS) għall-attivitajiet tal-PSC tal-amministrazzjoni marittima tagħhom. Din għandha tippermetti lill-amministrazzjonijiet iżommu l-pass mal-kumplessità u mar-rekwiżiti dejjem jiżdiedu tal-ispezzjonijiet tal-PSC, biex jippermettu kontroll aħjar tal-kwalità u jindikaw problemi bħal kwistjonijiet ta' allokazzjoni tar-riżorsi. Din se tapplika għall-Istati tal-port kollha li diġà ma għandhomx QMS iċċertifikata esternament għall-operazzjonijiet tal-PSC tagħhom.

***Atti delegati***

Il-punt 19 jipprevedi li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex taġġorna l-lista ta' Konvenzjonijiet stabbilita fl-Artikolu 2(1) jekk tali Konvenzjonijiet ikunu ġew adottati bħala strument rilevanti mill-MtQ ta' Pariġi u biex temenda l-Anness VI sabiex iżżid u/jew taġġorna l-lista tal-proċeduri u l-linji gwida relatati mal-kontroll mill-Istat tal-port adottati mill-MtQ ta' Pariġi.

***Setgħat emendatorji***

Il-punt 20 jipprovdi li kwalunkwe aġġornament għall-istrumenti rilevanti tal-OMI elenkati fl-Artikolu 2(1) jiġi soġġett għall-klawżola standard ta' nonrigressjoni. Dan ifisser li jekk ikun hemm bidliet fil-livell internazzjonali, l-istandards fl-istrument tal-UE jinżammu mill-inqas fil-livell attwali.

***Regoli ta' implimentazzjoni***

Il-punt 21 jistabbilixxi li meta tadotta atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċifika għar-rwol u għall-għarfien espert tal-MtQ ta' Pariġi u li tali atti jqisu l-għarfien espert u l-esperjenza miksuba bis-sistema ta' spezzjoni fl-Unjoni.

***Rieżami tal-implimentazzjoni***

Il-punt 22 jipprevedi li l-Kummissjoni se tipproduċi rieżami tal-implimentazzjoni tad-Direttiva emendata 10 snin wara l-adozzjoni. Dan iqis iż-żmien meħtieġ għat-traspożizzjoni u l-fatt li ċiklu ta' rieżami tal-EMSA ta' żjarat fl-Istati Membri tipikament jieħu mhux inqas minn 5 snin.

***Profil ta' riskju tal-Vapur (SRP) – Ċertifikati u dokumenti***

Il-punti 23 u 24 jemendaw l-Annessi I u II relatati mal-profil ta' riskju tal-vapur (SRP). L-SRP huwa emendat biex iqis il-bidliet diġà miftiehma fil-prinċipju mill-MtQ ta' Pariġi. Dawn jinkludu (i) il-punti ta' ponderazzjoni applikati għal ċerti tipi ta' bastimenti u (ii) l-Iskema ta' Verifika tal-OMI, li ma għadhiex sistema volontarja, iżda hija sostitwita b'fattur ta' ponderazzjoni biex jitqies jekk l-Istat tal-Bandiera rratifikax il-konvenzjonijiet internazzjonali.

L-SRP huwa emendat ukoll għall-bastimenti tal-merkanzija u tal-passiġġieri ta' aktar minn 5 000 tunnellaġġ gross (li huma meqjusa bħala l-aktar li jniġġsu), li għalihom l-SRP se jqis l-Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju tal-OMI tal-bastiment. Għall-vapuri kollha eliġibbli għall-kontroll mill-Istat tal-

port, dan jaġġusta l-fattur ta' ponderazzjoni biex jagħti aktar importanza lin-nuqqasijiet relatati mal-ambjent (MARPOL, il-Konvenzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kontroll ta' Sistemi Dannużi ta' Antifouling fuq il-Vapuri) irreġistrati kontra dak il-vapur fi spezzjonijiet preċedenti tal-PSC mwettqa fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi. In-nuqqasijiet u d-detenzjonijiet kodifikati mill-ġdid huma marbuta biss mal-konvenzjonijiet internazzjonali (l-hekk imsejħa strumenti rilevanti) sabiex l-SRP rivedut japplika madwar ir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi u mhux biss fl-Istati Membri tal-UE. Se jiżdied ukoll parametru biex iħeġġeġ lill-istati tal-bandiera tal-bastimenti eliġibbli għall-PSC biex jużaw ċertifikati elettroniċi.

***Ċertifikati***

Il-punt 26 jaġġorna l-listi ta' ċertifikati statutorji u dokumenti oħrajn fl-Anness IV li għandhom jiġu vverifikati waqt l-ispezzjonijiet f'konformità mar-rekwiżiti tal-OMI kif miftiehem qabel fil-MtQ ta' Pariġi.

***Proċeduri u linji gwida tal-ispezzjonijiet***

Sabiex jippermetti sistema aġġornata u armonizzata ta' kontroll mill-Istat tal-port madwar l-Unjoni, il-punt 26 jaġġorna l-Anness VI relatat mal-linji gwida u l-istruzzjonijiet ta' spezzjoni tal-MtQ ta' Pariġi li għandhom jiġu segwiti matul l-ispezzjonijiet, fil-verżjoni aġġornata tagħhom.

***Rifjut tal-aċċess***

Il-punt 28 jaġġorna l-Anness VIII dwar il-proċeduri tar-rifjut tal-aċċess (projbizzjoni) imsemmija fl-Artikolu 16 sabiex dawn jiġu allinjati mal-bidliet diġà miftiehma fil-MtQ ta' Pariġi.

2023/0165 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[23],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[24],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25] tistabbilixxi regoli dwar is-sistema għall-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port, fejn vapuri eliġibbli li jidħlu f'portijiet tal-Unjoni jiġu spezzjonati biex jiġi vverifikat jekk il-kompetenza tal-ekwipaġġ abbord u l-kundizzjoni tal-vapur u t-tagħmir tiegħu jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar u dwar il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar.

(2) Id-Direttiva 2009/16/KE hija bbażata fuq l-istruttura intergovernattiva volontarja diġà eżistenti tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-kontroll mill-Istat tal-port (MtQ ta' Pariġi) u l-kunċetti ta' piż kondiviż ta' spezzjoni, immirar ibbażat fuq ir-riskju tal-vapuri għall-ispezzjonijiet, spezzjonijiet armonizzati u l-kondiviżjoni tar-riżultati tal-ispezzjoni.

(3) Minn meta daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2009/16/KE, kien hemm bidliet fl-ambjent regolatorju internazzjonali (b'mod partikolari fil-MtQ ta' Pariġi u fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali) u fl-iżviluppi teknoloġiċi. Dawk il-bidliet kif ukoll l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE jenħtieġ li jitqiesu.

(4) Għadd ta' konvenzjonijiet internazzjonali daħlu fis-seħħ u ġew ratifikati mill-Istati Membri mill-2011. Dawn huma l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Kontroll u l-Ġestjoni tal-Ilma u s-Sedimenti tas-Saborra tal-Vapuri (il-Konvenzjoni ta' BWM) u l-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Nairobi dwar it-Tneħħija ta' Fdalijiet ta' Bastimenti (il-Konvenzjoni ta' Nairobi). Għalhekk,

23 ĠU C , , p. .
24 ĠU C , , p. .
25 ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57

jenħtieġ li dawn jiġu inklużi fil-lista tal-Konvenzjonijiet koperti mid-Direttiva 2009/16/KE, biex ikunu jistgħu jiġu infurzati bħala parti mis-sistema ta' kontroll mill-Istat tal-port.

(5) Sabiex tkun tista' ssir sistema aġġornata u armonizzata ta' kontroll mill-Istat tal-port huwa meħtieġ li jkun hemm mod aktar mgħaġġel biex tiġi aġġornata l-lista ta' konvenzjonijiet internazzjonali infurzati mill-kontroll mill-Istat tal-port mingħajr il-ħtieġa li tiġi emendata d-Direttiva kollha. Għalhekk ladarba Konvenzjoni internazzjonali tkun daħlet fis-seħħ – jiġifieri tkun laħqet livell miftiehem ta' ratifika – u wara l-adozzjoni tagħha mill-Membri tal-MtQ ta' Ftehim ta' Pariġi bħala strument rilevanti, il-lista ta' Konvenzjonijiet fid-Direttiva jenħtieġ li tiġi aġġornata mill-Kummissjoni.

(6) Minħabba d-daqs żgħir tagħhom, il-biċċa l-kbira tal-bastimenti tas-sajd fl-UE joperaw f'ilmijiet territorjali, u ma humiex suxxettibbli li jiġu spezzjonati f'portijiet barranin. Dan ifisser li b'mod ġenerali, bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru biss (li huma wkoll il-bastimenti tas-sajd li huma l-aktar soġġetti għal konvenzjonijiet internazzjonali) x'aktarx jinvolvu ruħhom f'ilmijiet internazzjonali u jidħlu f'portijiet differenti minn dawk fil-pajjiż fejn ikunu rreġistrati u għalhekk ikunu soġġetti għal PSC. Peress li l-maġġoranza tal-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli għal bastimenti tas-sajd akbar huma differenti minn dawk li bħalissa huma infurzati permezz tal-kontroll mill-Istat tal-port u biex jiġu evitati effetti sekondarji mhux mixtieqa fuq is-sistema kurrenti ta' kontroll mill-Istat tal-port, qiegħda tiġi proposta sistema parallela ta' kontroll mill-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd.

(7) Madankollu, minħabba x-xejriet tas-sajd mhux l-Istati Membri kollha tal-UE ssirilhom żjara minn dawn il-bastimenti tas-sajd akbar. Għalhekk, qiegħda tiġi proposta sistema volontarja għal dawk l-Istati Membri tal-UE li jixtiequ jwettqu dawn l-ispezzjonijiet u li hija separata mir-reġim attwali ta' kontroll mill-Istat tal-port biex tippermetti l-flessibbiltà u l-mod kif l-istandards jiġu żviluppati fil-kontroll mill-Istat tal-port. Din is-sistema ta' kontroll mill-Istat tal-port tal-bastiment tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru tista' għalhekk tiġi żviluppata b'mod organiku mill-Istati Membri, mill-MtQ ta' Pariġi u mill-Kummissjoni.

(8) Il-mekkaniżmu tas-sehem ġust jipprovdi distribuzzjoni tal-piż ta' spezzjoni fost l-Istati Membri tal-MtQ ta' Pariġi. Kull Stat Membru jiġi allokat ċertu numru ta' spezzjonijiet – l-impenn ta' spezzjoni tiegħu jew is-"sehem ġust" – li għandhom jitwettqu kull sena. L-eliġibbiltà għall-ispezzjoni hija ddeterminata primarjament mit-tul ta' żmien li għadda mill-aħħar spezzjoni. Il-vapuri ta' prijorità II jistgħu jiġu spezzjonati waqt li l-bastimenti ta' Prijorità I għandhom jiġu spezzjonati.

(9) L-Istati Membri jistgħu jaqbżu ċertu numru ta' spezzjonijiet ta' "Prijorità" u xorta jikkonformaw mal-impenn ta' spezzjoni tagħhom. Madankollu, għal xi Stati Membri l-għadd ta' sejħiet għall-vapuri li fil-fatt iseħħu matul sena partikolari jista' jew jaqbeż jew ikun inqas mill-impenn ta' spezzjoni allokat. Metodu alternattiv ta' konformità mal-obbligu tas-sehem ġust għal dawn l-Istati Membri (mgħobbija żżejjed jew mhux mgħobbija biżżejjed) instab li ma kienx flessibbli, għalhekk huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet ikkonċernati jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet riveduti tal-MtQ ta' Pariġi.

(10) L-Istati Membri huma permessi wkoll li jipposponu l-ispezzjonijiet tal-vapuri f'ċerti ċirkostanzi, diment li l-bastiment jiġi spezzjonat fil-port tal-waqfa li jmiss jew fi żmien 15-il jum u din il-possibbiltà tiġi mmodifikata sabiex tkun tista' tintuża mill-Istati Membri kollha. Ċerti kategoriji ta' bastimenti li huma perċepiti li jippreżentaw riskju ogħla u li għalhekk huma eliġibbli għal spezzjoni estiża huma meħtieġa li jinnotifikaw il-ħin stmat tal-wasla tagħhom lejn port ta' 72 siegħa qabel il-wasla tagħhom. Madankollu wara għadd ta' snin, ġie konkluż li dan l-obbligu kien ta' piż kbir wisq fuq l-operaturi u ma żied l-ebda valur peress li l-awtoritajiet

nazzjonali diġà għandhom l-informazzjoni meħtieġa disponibbli aktar faċilment fil-bażi tad-*data* THETIS. Abbażi ta' dan, il-MtQ ta' Pariġi neħħa dan l-obbligu ta' notifika ta' qabel il-wasla, u għalhekk id-Direttiva 2009/16/KE jenħtieġ li tiġi allinjata kif xieraq.

(11) Matul l-aħħar 10 snin u minkejja ż-żidiet fl-għadd ta' bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE inkluż it-trasport marittimu fuq distanzi qosra ta' merkanzija bejn il-portijiet ewlenin fl-Istati Membri tal-UE u l-portijiet li jinsabu fl-Ewropa ġeografika jew f'pajjiżi mhux Ewropej fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, il-profil tas-sikurezza tal-bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE tjieb b'mod konsiderevoli. L-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port qegħdin jintużaw dejjem aktar biex tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni ambjentali bħal fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kubrit jew l-iskrappjar sikur u ambjentali tal-vapuri. Il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra tal-UE b'55 % sal-2030, u b'hekk iwitti t-triq għan-newtralità klimatika sal-2050 u t-trasport marittimu huwa mistenni li jikkontribwixxi għal dan l-isforz. Madankollu, il-profil ta' riskju tal-vapuri mfassal qabel l-2009 kellu prijoritajiet differenti u ma huwiex adattat bis-sħiħ biex jiffoka l-isforz ta' spezzjoni fuq il-bastimenti bl-inqas prestazzjoni ambjentali.

(12) Fuq din il-bażi, il-profil ta' riskju tal-vapur jenħtieġ li jiġi aġġornat biex jirrifletti kwistjonijiet ambjentali billi tingħata aktar importanza lill-prestazzjoni ambjentali, inkluża l-intensità tal-karbonju operazzjonali tal-vapuri li jkunu qegħdin jiġu spezzjonati kif ukoll lil nuqqasijiet u detenzjonijiet relatati mal-ambjent.

(13) Id-diġitalizzazzjoni hija parti integrali mill-progress teknoloġiku fil-qasam tal-ġbir u l-komunikazzjoni tad-*data* bil-ħsieb li tgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet u biex ir-riżorsi umani jintużaw b' effiċjenza. L-għadd ta' vapuri li bħalissa jġorru ċertifikati elettroniċi qiegħed jiżdied u mistenni li jiżdied. Għalhekk, l-effettività tal-kontroll mill-Istat tal-port jenħtieġ li tissaħħaħ billi jsir aktar użu miċ-ċertifikati elettroniċi biex ikunu jistgħu jsiru spezzjonijiet aktar iffukati fuq il-vapuri mħejjija aħjar. L-adozzjoni u l-użu ta' dawn iċ-ċertifikati elettroniċi jenħtieġ li jiġu inċentivati bl-inklużjoni tagħhom fil-profil ta' riskju tal-vapur.

(14) Il-kontroll mill-Istat tal-port qiegħed isir aktar kumpless hekk kif qed jiżdiedu rekwiżiti ġodda ta' spezzjoni, jew permezz tad-dritt tal-Unjoni jew permezz tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Għalhekk hemm bżonn li jiġi żgurat it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-uffiċjali ta' kontroll mill-Istat tal-port u li t-taħriġ tagħhom jiġi żviluppat kontinwament.

(15) L-amministrazzjonijiet tal-Istati tal-bandiera tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] huma meħtieġa li jkollhom sistema ta' ġestjoni tal-kwalità sabiex jgħinu lill-Istati Membri jkomplu jtejbu l-prestazzjoni tagħhom bħala Stati tal-bandiera u jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti bejn l-amministrazzjonijiet. Rekwiżit simili għall-attivitajiet ta' kontroll mill-Istat tal-port jenħtieġ li jippermetti lill-Istati Membri jiċċertifikaw li l-organizzazzjoni tagħhom, il-politiki, il-proċessi, ir-riżorsi u d-dokumentazzjoni tagħha huma xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tagħha kif ukoll jidentifikaw problemi tas-sistema bħal kwistjonijiet ta' allokazzjoni tar-riżorsi jew tal-persunal qabel ma dawn isiru problematiċi.

(16) Sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni aġġornata tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali f'konformità mad-Direttiva, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-aġġornament tal-Konvenzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE u li

[26] Id-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 132).

temenda l-lista ta’ proċeduri u linji gwida relatati mal-Istat tal-port Kontroll adottati mill-MtQ ta’ Parigi. Huwa ta’ importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta’ esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f’konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta’ April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[27]. B’mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta’ atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta’ atti delegati.

(17) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/16/KE dwar il-lista ta’ Konvenzjonijiet taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tagħha, b’mod ġenerali, ir-reġim volontarju ta’ kontroll mill-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd b’tul ta’ aktar minn 24 metru, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Anness VII dwar spezzjoni estiża, is-sett uniformi ta’ linji gwida u proċeduri dwar is-sikurezza u s-sigurtà, kif ukoll ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikati elettroniċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28].

(18) Sabiex tittejjeb il-kwalità tal-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port f’żoni tal-baħar qrib l-UE, l-Istati Membri eliġibbli kollha huma mħeġġa jissieħbu fil-MtQ tal-Mediterran dwar il-kontroll mill-Istat tal-port (MtQ tal-Mediterran).

(19) Fid-dawl taċ-ċiklu sħiħ ta’ monitoraġġ taż-żjarat fl-Istati Membri mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) biex timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE mhux aktar tard minn [10 snin wara d-data tal-applikazzjoni tagħha msemmija fl-Artikolu XX)] u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwarha. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiġbru l-informazzjoni kollha meħtieġa għal din l-evalwazzjoni.

(20) Peress li l-objettivi ta’ din id-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura internazzjonali tat-trasport marittimu iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-effetti tan-network tal-Istati Membri li jaġixxu flimkien, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista’ tadotta miżuri, f’konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F’konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f’dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(21) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2009/16/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2009/16/KE**

Id-Direttiva 2009/16/UE hija emendata kif ġej:

---

27 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

28 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 1, jiżdiedu l-punti (i) u (m) li ġejjin:

"(l) Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Kontroll u l-Ġestjoni tal-Ilma u s-Sedimenti tas-Saborra tal-Vapuri (il-Konvenzjoni BWM);

(m) Il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Nairobi dwar it-Tneħħija ta' Fdalijiet ta' Bastimenti (il-Konvenzjoni ta' Nairobi)."

(b) jitħassar il-punt 3.

(2) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Bastimenti tas-sajd b'tul ġenerali ta' inqas minn 24 metru, vapuri tal-gwerra, awżiljarji navali, vapuri tal-injam b'binja primittiva, vapuri tal-gvern użati għal skopijiet mhux kummerċjali u jottijiet tad-divertiment li ma jkunux involuti fil-kummerċ għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva."

(b) jiżdied il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. L-Istati Membri jistgħu jwettqu spezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port ta' bastimenti tas-sajd b'tul ġenerali ta' aktar minn 24 metru. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-modalitajiet ta' tali reġim speċifiku ta' kontroll mill-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd b'tul ġenerali ta' aktar minn 24 metru. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2)."

(3) fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-ispezzjonijiet tal-vapuri ta' Prijorità II imwettqa mill-Istati Membri meta l-impenn ta' spezzjoni annwali tagħhom ikun inqabeż b'aktar minn 150 % ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-impenn ta' spezzjoni annwali tal-Istati Membri li huma partijiet għall-MtQ ta' Pariġi."

(4) l-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 6*

**Modalitajiet tal-konformità mal-impenn ta' spezzjoni**

Stat Membru li jonqos milli jwettaq l-ispezzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 5(2)(a), jikkonforma mal-impenn tiegħu f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni jekk tali spezzjonijiet li ma jkunux saru ma jaqbżux l-10 % tal-għadd totali ta' bastimenti ta' prijorità I li jidħlu fil-portijiet u fl-ankraġġi tiegħu, irrispettivament mill-profil ta' riskju tagħhom.

Minkejja l-perċentwali ta' spezzjonijiet maqbuża msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-ispezzjoni ta' vapuri, li, skont l-informazzjoni pprovduta mill-bażi tad-*data* għall-ispezzjonijiet, jidħlu fil-portijiet fil-Komunità b'mod mhux frekwenti.

Minkejja l-perċentwali ta' spezzjonijiet maqbuża msemmija fl-ewwel subparagrafu, għal vapuri ta' Prijorità I li jidħlu fl-ankraġġi, l-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-ispezzjoni ta' vapuri bi profil ta' riskju għoli, li, skont l-informazzjoni pprovduta mill-bażi tad-*data* għall-ispezzjonijiet, jidħlu fil-portijiet fl-Unjoni b'mod mhux frekwenti."

(5) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Stat Membru, li fih l-għadd totali ta' sejħiet ta' bastimenti ta' Prijorità I u ta' Prijorità II ikun inqas minn 150 % tas-sehem ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 5(2) il-punt (b), għandu jitqies bħala li jikkonforma mal-impenn annwali ta' spezzjoni tiegħu, jekk dak l-Istat Membru jwettaq spezzjonijiet ta' żewġ terzi tal-vapuri ta' Prijorità I u II tal-għadd totali ta' vapuri ta' Prijorità I u II li jidħlu fil-portijiet u fl-ankraġġi tiegħu.",

(6) fl-Artikolu 8, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

1. Stat Membru jista' jiddeċiedi li jipposponi l-ispezzjoni ta' vapur ta' Prijorità I jew Prijorità 2 fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jekk l-ispezzjoni tista' titwettaq fiż-żjara li jmiss tal-vapur fl-istess Stat Membru, diment li l-vapur ma jżurx kwalunkwe port ieħor fl-Unjoni jew fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi bejn iż-żewġ żjarat u l-posponiment ma jkunx ta' aktar minn 15-il jum; jew

(b) jekk l-ispezzjoni tista' titwettaq f'port ieħor tal-waqfa fil-Komunità jew fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi fi żmien 15-il jum, diment li l-Istat li fih jinsab it-tali port tal-waqfa jkun qabel bil-quddiem li jwettaq l-ispezzjoni.

2. Meta ma ssirx spezzjoni fuq vapur ta' Prijorità I jew Prijorità II minħabba raġunijiet operazzjonali, din ma għandhiex tingħadd bħala spezzjoni maqbuża, diment li r-raġuni għaliex inqabżet l-ispezzjoni tiġi rreġistrata fil-bażi tad-*data* għall-ispezzjonijiet u jekk iseħħu ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li ġejjin:

(a) fil-ġudizzju tal-awtorità kompetenti, it-twettiq tal-ispezzjoni joħloq riskju għas-sikurezza tal-ispetturi, tal-vapur, tal-ekwipaġġ tiegħu jew tal-port jew tal-ambjent tal-baħar, jew; jew

(b) il-vapur jidħol biss matul il-lejl (kif previst fl-Artikolu 2(10)). F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vapuri li jidħlu regolarment matul il-lejl jiġu spezzjonati kif xieraq."

(7) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

*"Artikolu 8a*

**Force majeure**

In-nuqqas li titwettaq spezzjoni minħabba raġunijiet ta' *force majeure* ma għandux jitqies bħala spezzjoni maqbuża diment li l-ispezzjoni maqbuża u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' twettiq tagħha jkunu ddokumentati u rreġistrati fil-bażi tad-*data* tal-ispezzjoni."

(8) jitħassar l-Artikolu 9;

(9) fl-Artikolu 10(2), jiżdied dan li ġej

"(c) Parametri ambjentali

Il-parametri ambjentali għandhom ikunu bbażati fuq l-Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju tal-vapur u fuq l-għadd ta' nuqqasijiet relatati mal-MARPOL, mal-AFS, mal-Konvenzjoni BWM, mas-CLC 92, mal-Konvenzjoni dwar il-Bunkers u mal-Konvenzjonijiet ta' Nairobi f'konformità mal-Anness I, mal-Parti I.3 u mal-Anness II."

(10) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Spezzjoni estiża għandha ssir minn mhux inqas minn żewġ uffiċjali tal-kontroll mill-Istat tal-port. L-ambitu ta' spezzjoni estiża, inklużi l-oqsma ta' riskju li għandhom jiġu koperti,

huwa stabbilit fl-Anness VII. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri dettaljati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-Anness VII. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2).";

(11) fl-Artikolu 14a, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Artikolu 11 il-punt (a) u l-Artikolu 14 ma għandhomx japplikaw għal vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari spezzjonati skont dan l-Artikolu."

(12) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Stat Membru għandu jirrifjuta l-aċċess għall-portijiet u l-ankraġġi tiegħu lil kwalunkwe vapur li:

– itajjar il-bandiera ta' Stat li jaqa' fil-lista ta' prestazzjoni baxxa, adottata f'konformità mal-MtQ ta' Pariġi fuq il-bażi ta' informazzjoni rreġistrata fil-bażi tad-*data* għall-ispezzjonijiet u kif ippubblikata kull sena mill-Kummissjoni, u li jkun inżamm aktar minn darbtejn matul is-36 xahar preċedenti f'port jew f'ankraġġ ta' Stat Membru jew ta' Stat firmatarju tal-MtQ ta' Pariġi, jew

– itajjar il-bandiera ta' Stat li jaqa' fil-lista ta' prestazzjoni għolja jew medja, adottata f'konformità mal-MtQ ta' Pariġi fuq il-bażi ta' informazzjoni rreġistrata fil-bażi tad-*data* għall-ispezzjonijiet u kif ippubblikata kull sena mill-Kummissjoni, u li jkun inżamm aktar minn darbtejn matul l-24 xahar preċedenti f'port jew f'ankraġġ ta' Stat Membru jew ta' Stat firmatarju tal-MtQ ta' Pariġi.

L-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 21(6).

Ir-rifjut tal-aċċess għandu jkun applikabbli malli l-vapur iħalli l-port jew l-ankraġġ fejn ikun ġie soġġett għat-tielet detenzjoni u fejn tkun inħarġet ordni ta' rifjut tal-aċċess.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kwalunkwe detenzjoni sussegwenti f'port jew f'ankraġġ fl-Unjoni għandha tirriżulta fil-fatt li l-vapur jiġi rrifjutat l-aċċess għal kwalunkwe port u ankraġġ fl-Unjoni. Din it-tielet ordni ta' rifjut tal-aċċess tista' titneħħa wara li jkun għadda perjodu ta' 24 xahar mill-ħruġ tal-ordni u biss jekk:

– (a) iċ-ċertifikati statutorji u ta' klassifikazzjoni tal-vapur jinħarġu minn organizzazzjoni jew minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29]

– (b) il-vapur huwa ġestit minn kumpanija bi prestazzjoni għolja skont l-Anness I, il-Parti I.1, u

– jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafi 3 sa 9 tal-Anness VIII.

[29] Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11.)";

Kull vapur li ma jissodisfax il-kriterji speċifikati f'dan il-paragrafu, wara li jkun għadda l-perjodu ta' 24 xahar mill-ħruġ tal-ordni, għandu jiġi rrifjutat permanentement l-aċċess għal kwalunkwe port u ankraġġ fl-Unjoni."

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Kwalunkwe detenzjoni sussegwenti ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat elenkat fil-lista ta' prestazzjoni medja jew baxxa, kif ippubblikata fir-rapport annwali tal-MtQ ta' Pariġi, f'port jew f'ankraġġ fl-Unjoni wara t-tielet rifjut tal-aċċess għandha twassal biex il-bastiment jiġi rrifjutat permanentement l-aċċess għal kwalunkwe port u ankraġġ fl-Unjoni."

(d) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. Jekk vapur li jtajjar il-bandiera ta' Stat elenkat fil-lista ta' prestazzjoni għolja jinżamm f'port jew f'ankraġġ wara t-tielet jew kwalunkwe rifjut sussegwenti tal-aċċess u, fiż-żmien tal-ewwel interfaċċa sussegwenti tal-vapur/tal-port f'port tal-UE, iċ-ċertifikati statutorji u ta' klassifikazzjoni tal-vapur jinħarġu minn organizzazzjoni jew minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 u tiġi pprovduta evidenza li tkun saret żjara abbord mis-soċjetà ta' klassifikazzjoni qabel il-ħruġ ta' tali ċertifikati, il-vapur għandu jiġi rrifjutat l-aċċess għal kwalunkwe port jew ankraġġ għal perjodu ta' 24 xahar.

Jekk fiż-żmien tal-ewwel interfaċċa tal-vapur/port, iċ-ċertifikati statutorji jew ta' klassifikazzjoni ma jinħarġux minn organizzazzjoni jew minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009, il-vapur għandu jiġi rrifjutat permanentement l-aċċess għal kwalunkwe port u ankraġġ."

(13) fl-Artikolu 21, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-aċċess għal kwalunkwe port jew ankraġġ fl-Unjoni jiġi rrifjutat għall-vapuri msemmija fil-paragrafu 1 li jipproċedu għall-baħar:

(a) mingħajr ma jikkonformaw mal-kundizzjonijiet determinati mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru fil-port ta' spezzjoni; jew

(b) li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti applikabbli tal-Konvenzjonijiet billi ma jmorrux fil-baċir għat-tiswija indikat.

L-ordni ta' rifjut tal-aċċess għandha titneħħa wara li jkun għadda perjodu ta' 12-il xahar. L-ordni ta' rifjut tal-aċċess għandha ssir applikabbli mid-data tal-ħruġ tagħha.

Tali rifjut għandu jinżamm sakemm is-sid jew l-operatur jipprovdi evidenza għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn instab li l-vapur kien difettuż, li turi li l-vapur jikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti applikabbli tal-Konvenzjonijiet."

(14) fl-Artikolu 22, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri u billi jitqiesu l-għarfien espert u l-esperjenza miksuba fl-Unjoni u fl-ambitu tal-MtQ ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa programm ta' żvilupp u taħriġ professjonali għall-ispetturi ta' kontroll mill-Istat tal-port. Dan il-programm ta' taħriġ għandu jqis l-ambitu usa' tal-kontroll mill-Istat tal-port kif ukoll it-titjib fl-ambitu u fil-forom tat-taħriġ.

F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, tidentifika u tipprovdi ħtiġijiet ġodda ta' taħriġ biex jiġu emendati l-kurrikuli, is-sillabi u l-kontenut tal-

programm ta' żvilupp u taħriġ professjonali għall-ispetturi, speċjalment fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda u fir-rigward tal-obbligi addizzjonali li jirriżultaw mill-istrumenti rilevanti."

(15) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-ħin attwali tal-wasla u l-ħin attwali tat-tluq ta' kwalunkwe vapur li jżur il-portijiet u l-ankraġġi, flimkien ma' identifikatur tal-port ikkonċernat, tiġi ttrasferita fi żmien 3 sigħat mit-tluq fil-bażi tad-*data* għall-ispezzjonijiet permezz tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni marittima tal-Unjoni "SafeSeaNet" imsemmija fl-Artikolu 3 il-punt (s) tad-Direttiva 2002/59/KE. Ladarba jkunu ttrasferew tali informazzjoni fil-bażi tad-*data* għall-ispezzjonijiet permezz ta' SafeSeaNet, l-Istati Membri jkunu eżentati mill-forniment ta' *data* bi qbil mal-punti 1.2 u 2(a) u (b) tal-Anness XIV ta' din id-Direttiva."

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni marbuta mal-ispezzjonijiet imwettqin f'konformità ma' din id-Direttiva tiġi ttrasferita fil-bażi tad-*data* għall-ispezzjonijiet hekk kif jitlesta r-rapport ta' spezzjoni jew titneħħa d-detenzjoni.

Fi żmien 72 siegħa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni ttrasferita fil-bażi tad-*data* għall-ispezzjonijiet tiġi vvalidata għal finijiet ta' pubblikazzjoni. Ir-rapport ta' spezzjoni għandu jiġi vvalidat qabel it-trasferiment tiegħu fil-bażi tad-*data* minn spettur tal-kontroll mill-Istat tal-port li ma kienx parti mit-tim li wettaq l-ispezzjoni."

(16) jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej:

*"Artikolu 24a*

**Ċertifikati elettroniċi**

1. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għal interfaċċa armonizzata tar-rapportar, għodda ta' validazzjoni u repożitorju/bażi tad-*data* ċentrali għall-verżjonijiet elettroniċi taċ-ċertifikati elenkati fl-Anness IV u msemmija fl-Artikolu 13(1). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2)."

2. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-interfaċċa armonizzata tar-rapportar, l-għodda ta' validazzjoni u r-repożitorju/il-bażi tad-*data* ċentrali għall-verżjonijiet elettroniċi taċ-ċertifikati biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tar-reġistri tal-vapuri tagħhom għaċ-ċertifikati elettroniċi.

3. Il-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat li joħroġ tali ċertifikati elettroniċi għandu jkollhom dan rifless fil-profil ta' riskju tal-vapur (SRP) kif stabbilit fl-Annessi I u II.

4. L-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jiżgura s-sottomissjoni tal-elementi tad-*data* f'konformità mar-rekwiżiti legali u tekniċi applikabbli, l-Istat Membru għandu jibqa' responsabbli għad-*data* u għall-validità tal-informazzjoni u taċ-ċertifikati, kif ukoll għall-aġġornament ta' kwalunkwe informazzjoni li tkun inbidlet wara s-sottomissjoni fil-bażi tad-*data* ċentrali."

(17) l-Artikolu 25 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 25*

**Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni**

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet jew il-korpi tal-port tiegħu u l-awtoritajiet jew korpi rilevanti oħrajn jipprovdu lill-awtorità tal-kontroll mill-Istat tal-port it-tipi ta' informazzjoni li ġejjin li jkollhom:

(a) informazzjoni dwar vapuri li naqsu milli jinnotifikaw kwalunkwe informazzjoni skont ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, id-Direttiva 2002/59/KE u d-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30], kif ukoll, jekk xieraq, tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet,

(b) informazzjoni dwar il-vapuri li pproċedew bil-baħar mingħajr ma kkonformaw mal-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2019/883 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet,

(c) informazzjoni dwar vapuri li nċaħdilhom dħul jew tkeċċew minn port minħabba raġunijiet ta' sigurtà,

informazzjoni dwar anomaliji apparenti f'konformità mal-Artikolu 23."

(18) l-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 30*

**Monitoraġġ ta' konformità u prestazzjoni tal-Istati Membri**

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva u biex ikun immonitorjat il-funzjonament ġenerali tar-reġim tal-kontroll mill-Istat tal-port f'konformità mal-Artikolu 2(b) il-punt (i) tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, il-Kummissjoni għandha tiġbor l-informazzjoni meħtieġa u twettaq żjarat fl-Istati Membri.

Kull Stat Membru għandu jiżviluppa, jimplimenta u jżomm sistema ta' ġestjoni tal-kwalità għall-partijiet operazzjonali tal-attivitajiet tal-amministrazzjoni tiegħu, relatati mal-Istat tal-port. Tali sistema ta' ġestjoni tal-kwalità għandha tiġi ċertifikata f'konformità mal-istandards ta' kwalita internazzjonali applikabbli."

(19) l-Artikolu 30a huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 30a*

**Atti delegati**

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30b, biex jiġi emendat l-Artikolu 2(1) biex tiġi emendata l-lista ta' Konvenzjonijiet stabbilita fl-Artikolu 2(1) ladarba tali Konvenzjonijiet ikunu ġew adottati bħala strument rilevanti mill-MtQ ta' Pariġi u biex jiġi emendat l-Anness VI sabiex tiżdied u/jew tiġi aġġornata l-lista ta' proċeduri u linji gwida relatati mal-Istat tal-port Kontroll adottata mill-MtQ ta' Pariġi stabbilit f'dak l-Anness."

[30] Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116)."

(20) fl-Artikolu 31 jiddaħħal dan li ġej:

"4. L-emendi għall-istrumenti rilevanti elenkati fl-Artikolu 2 il-punt 1 jistgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002."

(21) l-Artikolu 33 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 33*

**Regoli ta' implimentazzjoni**

Meta tistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 2(2) 3(4a), 10(3), 10(4), 14(4), 15(3), 18a(7), 23(5) 24a(6) u l-Artikolu 27 f'konformità mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 31(2), il-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb speċifikament li dawk ir-regoli jqisu l-għarfien espert u l-esperjenza miksuba bis-sistema ta' spezzjonijiet fl-Unjoni u fuq il-bażi tal-għarfien espert tal-MtQ ta' Pariġi."

(22) l-Artikolu 35 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 35*

**Rieżami tal-implimentazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha sa *[OP: Jekk jogħġbok daħħal data: 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]* jippreżentaw rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-konformità magħha."

(23) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Direttiva.

(24) L-Anness II huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

(25) L-Anness III jitħassar.

(26) L-Anness II huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' din id-Direttiva.

(27) L-Anness V huwa sostitwit bit-test tal-Anness IV ta' din id-Direttiva.

(28) L-Anness VIII huwa sostitwit bit-test fl-Anness V ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa *[OP: Jekk jogħġbok daħħal data: sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]* il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA "AĠENZIJI"

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-Port |

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

| |
|---|
| Mobilità u Trasport – Sikurezza Marittima |

### 1.3. Il-proposta tirrigwarda

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[31]

☑ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

| |
|---|
| L-objettiv ġenerali tal-emenda għad-Direttiva 2009/16/KE huwa li jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti u li jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq, biex jiġu żgurati livelli għoljin ta' sikurezza marittima u tiġi żgurata l-prevenzjoni tat-tniġġis marittimu. Ir-reviżjoni qiegħda tikkontribwixxi wkoll għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 3 ("L-iżgurar ta' ħajjiet b'saħħithom u l-promozzjoni tal-benesseri għal kulħadd fl-istadji kollha") u l-SDG 14 ("Jiġu kkonservati u użati b'mod sostenibbli l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi marini għall-iżvilupp sostenibbli"). |

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

| |
|---|
| L-objettivi speċifiċi tar-reviżjoni huma li:<br><br>Tallinja l-leġiżlazzjoni tal-UE ma' regoli u proċeduri internazzjonali ġodda, kemm jekk fil-livell tal-OMI/ILO kif ukoll jekk fil-MtQ ta' Pariġi.<br><br>Tipproteġi l-bastiment tas-sajd, l-ekwipaġġi tagħhom u l-ambjent.<br><br>Tiżgura użu akbar ta' soluzzjonijiet diġitali.<br><br>Tiżgura approċċ effiċjenti u armonizzat fit-twettiq ta' spezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port. |

31 Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Il-proposta hija mistennija li tiggarantixxi livell ta' sikurezza armonizzat u għoli tal-kontroll mill-Istat tal-port madwar l-Unjoni u tintroduċi sistema diġitalizzata biex tiżdied l-effiċjenza tal-ispezzjonijiet permezz ta' mmirar aħjar tar-riskju tal-vapuri, spezzjonijiet ippreparati aħjar u integrazzjoni aktar faċli u aktar rapida tal-informazzjoni rilevanti. Huwa mistenni wkoll li żżid l-importanza marbuta mal-aspetti ambjentali tal-kontroll mill-Istat tal-port.

Il-proposta hija mistennija wkoll li żżid il-protezzjoni tal-bastimenti tas-sajd, tal-ekwipaġġ tagħhom u tal-ambjent billi twassal għal tnaqqis tal-imwiet u tal-korrimenti sostnuti, kif ukoll għall-fjuwil tal-bastimenti mitluf fuq il-baħar.

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

L-effettività tad-Direttiva proposta, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 1, se tiġi ddeterminata abbażi tal-analiżi orizzontali mwettqa mill-EMSA u d-diskussjonijiet fil-workshops.

L-effettività tad-Direttiva proposta, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 2, se jiġi ddeterminat abbażi tal-għadd ta' spezzjonijiet ta' bastimenti tas-sajd akbar (b'tul ta' aktar minn 24 metru) u r-rapporti ppreżentati fil-bażi tad-*data* ta' rappurtar dwar l-immirar u l-ispezzjoni THETIS kif ukoll l-għadd ta' nuqqasijiet u/jew ta' detenzjonijiet irreġistrati kontra bastimenti ta' dan it-tip li jidħlu fil-portijiet tal-UE.

L-effettività tad-Direttiva proposta fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 3 se tiġi ddeterminata mill-informazzjoni mtella' fit-THETIS. L-għadd ta' ċertifikati elettroniċi mtellgħin mill-istati tal-bandiera fl-għodda ta' validazzjoni tal-EMSA u fir-repożitorju ċentrali kif ukoll l-għadd ta' spezzjonijiet li fihom huma involuti ċ-ċertifikati elettroniċi.

L-effettività tad-Direttiva proposta, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 4, se tiġi ddeterminata abbażi tar-riżultati tal-awditi annwali tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità li se jiġu kondiviżi mal-Kummissjoni, l-għadd ta' spezzjonijiet imwettqa minn aktar minn spettur wieħed, u l-għadd ta' rapporti ta' spezzjoni vvalidati minn xi ħadd għajr l-ispettur li jwettaq l-ispezzjoni u l-għadd ta' proċeduri ta' ksur fis-snin li ġejjin.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-EMSA se tkun meħtieġa torganizza taħriġ tal-Uffiċjali tal-Kontroll mill-Istat tal-Port (PSCOs) fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd kbar b'enfasi ewlenija fuq il-linji gwida rilevanti tal-UE, u tiżviluppa l-korsijiet rilevanti. L-EMSA se tkun meħtieġa wkoll tiżviluppa modulu THETIS għall-bastimenti tas-sajd u kurrikulu komuni għall-Kontroll mill-Istat tal-Port tal-bastimenti tas-sajd li se jkopri l-istruzzjonijiet u l-gwida rilevanti kollha.

L-EMSA se tkun meħtieġa torganizza taħriġ tal-PSCOs fir-rigward tal-użu ta' ċertifikati statutorji elettroniċi u se jkollha tiżviluppa għodda ta' validazzjoni u repożitorju.

L-EMSA se tkun meħtieġa tiżviluppa għodod ta' taħriġ/żvilupp tal-kapaċità mtejba għall-PSCOs dwar teknoloġiji ġodda, inkluż iżda mhux limitat għal fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li huma partikolarment rilevanti fid-dawl tal-pakkett "lesti

għall-mira ta' 55 %", u l-awtomatizzazzjoni billi ttejjeb l-għodod ta' taħriġ online tal-EMSA u billi tirrekluta esperti.

Sal-2025, se jkunu meħtieġa żewġ FTEs biex jappoġġaw il-kompiti tal-EMSA biex tiżviluppa l-għodod.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

L-azzjoni tal-UE fil-qasam tas-sikurezza marittima tiżgura applikazzjoni armonizzata tal-istandards tas-sikurezza u dawk ambjentali, u tnaqqas kwalunkwe vantaġġ kompetittiv billi tiskoraġġixxi lis-sidien tal-vapuri u/jew lill-Istati tal-bandiera li jistgħu jippruvaw jiksbu vantaġġ bħal dan billi ma jsegwux strettament ir-regoli u l-istandards stabbiliti fil-konvenzjonijiet internazzjonali. Billi jinkorporaw il-proċeduri u l-għodod tal-MtQ ta' Pariġi fil-leġiżlazzjoni Ewropea, dawn isiru azzjonabbli quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja biex jiżguraw l-infurzar uniformi tagħhom fl-Unjoni.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (*ex post*)

Intervent fil-livell tal-UE ġab benefiċċji li ma kinux ikunu possibbli fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-OMI jew tal-MtQ ta' Pariġi waħdu. Il-valur miżjud tal-UE tal-intervent fis-settur, f'termini tal-effettività, l-effiċjenza u s-sinerġiji tiegħu li jġib miegħu. Id-Direttiva ġġib il-leġiżlazzjoni tal-UE f'konformità mar-regolament dwar l-OMI u qiegħda twassal għal rapportar armonizzat tal-kontroll mill-Istat tal-port. Fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd akbar, l-eżempju tal-MtQ ta' Pariġi u tad-Direttiva kif japplika għall-bastimenti tat-trasport kummerċjali juri li huma biss il-proċeduri armonizzati u l-kriterji komuni għall-PSC ta' dawn il-bastimenti li jistgħu jindirizzaw din il-kwistjoni. In-nuqqas ta' adattament tad-Direttiva jneħħi l-benefiċċji sinerġistiċi miksuba permezz tal-implimentazzjoni tagħha.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-evalwazzjoni *ex post* tar-REFIT tal-2018 u l-Kontroll tal-Idoneità tat-Trasport Marittimu kkonkludew li d-Direttiva PSC iżżid il-valur billi tgħaqqad qafas ta' kontroll tal-PSC ma' mekkaniżmu ta' infurzar legali, biex tiġi żgurata implimentazzjoni korretta u konsistenti fl-Istati Membri. Dan irriżulta fi pressjoni biex jinkisbu riżultati u jkun hemm titjib kontinwu, u b'hekk għal allokazzjoni aħjar tar-riżorsi fil-livell tal-Istati Membri għall-PSC. L-evalwazzjoni kkonkludiet li d-Direttiva PSC kkontribwiet għall-objettivi maħsuba biex jittejbu s-sikurezza marittima, is-sigurtà, il-prevenzjoni tat-tniġġis u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol u tal-għajxien abbord.

L-assistenza tal-EMSA appoġġat ir-reġim tal-PSC tal-UE b'modi importanti. L-evalwazzjoni enfasizzat l-importanza tal-bażi tad-*data* THETIS. Aktar minn żewġ terzi tal-Istati Membri tal-UE/ŻEE li jwettqu spezzjonijiet tal-PSC jużaw esklużivament THETIS biex jiddeċiedu liema bastimenti għandhom jispezzjonaw. Ir-rwol tal-EMSA fil-ġestjoni u fl-aġġornament tat-THETIS, kif ukoll il-forniment mill-Aġenzija ta' taħriġ tal-ispetturi biex jiġu armonizzati l-ispezzjonijiet ta' implimentazzjoni fir-reġjun kollu tal-MtQ ta' Pariġi, instab li kien importanti ħafna wkoll. B'mod simili, il-Kontroll tal-Idoneità tat-Trasport Marittimu indika għadd ta' titjib possibbli fir-rigward tal-PSC.

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni *ex post* huma riflessi fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din l-inizjattiva kif miġbur fil-qosor fl-Anness 5.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Ir-reviżjoni proposta hija riżultat tanġibbli ewlieni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija ta' Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, li tistabbilixxi l-viżjoni tal-UE għas-sistema tat-trasport tal-futur. L-istrateġija ħabbret li l-Kummissjoni qiegħda tippjana li tibda rieżami kbir tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar ir-responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera, il-kontroll mill-Istat tal-port u l-investigazzjoni tal-aċċidenti fl-2021 (taħt l-Inizjattiva ewlenija 10 – Titjib tas-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport).

Ir-reviżjoni proposta se toħloq sinerġiji ma' partijiet oħrajn tal-qafas regolatorju tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva 2009/18/KE dwar l-investigazzjoni tal-aċċidenti u d-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera.

Il-proposta hija kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali, għalkemm se tirrikjedi riprogrammazzjoni fl-Intestatura 1 fir-rigward tal-kontribuzzjoni annwali lill-EMSA (kumpens baġitarju bi tnaqqis kumpensatorju tal-infiq programmat taħt is-CEF Trasport (02 03 01)). L-impatt baġitarju tal-proposta attwali diġà huwa inkluż fil-baġit għall-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP kurrenti huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

L-impatt baġitarju ta' din l-inizjattiva jirreferi għar-riżorsi addizzjonali meħtieġa għar-rwol dejjem akbar tal-EMSA li tiffaċilita l-PSCOs (jiġifieri fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd kbar torganizza taħriġ u tiżviluppa modulu THETIS u kurrikulu komuni, fir-rigward taċ-ċertifikati elettroniċi tiżviluppa għodda u repożitorju ta' validazzjoni, u tiżviluppa għodod ta' taħriġ/żvilupp tal-kapaċità mtejba dwar teknoloġiji ġodda, inklużi iżda mhux limitati għal fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u awtomatizzazzjoni) skont id-Direttiva proposta. Dawn huma kompiti ġodda għall-EMSA li se jsiru permanenti, filwaqt li l-kompiti eżistenti ma humiex se jonqsu jew jitneħħew parzjalment. Il-ħtieġa addizzjonali ta' riżorsi umani ma tistax tiġi ssodisfata permezz ta' riallokazzjoni, filwaqt li l-ħtiġijiet baġitarji addizzjonali se jiġu ssodisfati permezz ta' tpaċija mill-programmi eżistenti ġestiti mid-DĠ MOVE taħt il-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

Iż-żieda fl-approprjazzjonijiet għall-EMSA se tiġi kkumpensata minn tnaqqis kumpensatorju tal-infiq programmat taħt is-CEF Trasport (02 03 01). L-impatt baġitarju tal-proposta attwali diġà huwa inkluż fil-baġit għall-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP kurrenti huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.

1.6. **Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

☐ **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sa SSSS

☑ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS, *[mhux disponibbli]*,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. **Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**[32]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni permezz ta'

– ☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

☑ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

| |
|---|
| Il-ġestjoni tad-Direttiva proposta se ssir b'mod ġenerali mis-servizzi tal-Kummissjoni megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima kif xieraq.<br><br>L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva sal-iskadenza rispettiva. |

32 Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni se tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta kif ukoll għar-rapportar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-konformità tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha mezz qrib il-ħin reali ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fl-Istati Membri u minnhom peress li r-riżultati tal-ispezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port għandhom jittellgħu fuq il-bażi tad-*data* THETIS fi żmien 72 siegħa mill-ispezzjoni. Il-Kummissjoni u/jew l-EMSA b'hekk jistgħu jimmonitorjaw il-bażi tad-*data* THETIS biex jivverifikaw li l-ispezzjonijiet qegħdin jitwettqu kif meħtieġ u li r-rapporti jittellgħu fil-bażi tad-*data*. Dawn l-indikaturi se jiġu mmonitorjati wkoll għall-ispezzjonijiet imwettqa abbord bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru minn dawk l-Istati Membri li jwettqu dawn l-ispezzjonijiet.

Il-Kummissjoni u/jew l-EMSA jistgħu jimmonitorjaw il-progress tal-Istati Membri b'mod effettiv kull ġimgħa u l-Istati Membri jkunu jafu li qegħdin jiġu mmonitorjati jekk miżura ssir obbligatorja. F'dak il-każ, il-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni rapida biex tindirizza kwalunkwe nuqqas, inkluż appoġġ tekniku addizzjonali jew taħriġ mill-EMSA jew mill-Kummissjoni li tiftaħ proċedura ta' ksur.

L-EMSA, f'isem il-Kummissjoni, twettaq ukoll żjarat lill-Istati Membri biex tivverifika l-operazzjonijiet fuq il-post.

L-Istati Membri se jkollhom bżonn Sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità (QMS) biex jiċċertifikaw l-organizzazzjoni, il-politiki, il-proċessi, ir-riżorsi u d-dokumentazzjoni tagħhom huma xierqa biex jilħqu l-objettivi tagħha. Dan se jkollu jiġi ċċertifikat u sussegwentement soġġett għal awditjar kull 5 snin. L-Istati Membri se jkollhom jaqsmu mal-Kummissjoni u/jew mal-EMSA r-riżultati tal-awditi mwettqa mill-korp akkreditat b'tali mod li l-amministrazzjoni tal-PSC iżżomm iċ-ċertifikazzjoni tal-QMS tagħha.

L-EMSA se twettaq analiżi orizzontali, li tagħti indikazzjoni ta' kif qiegħda taħdem il-leġiżlazzjoni u tidentifika lakuni u x'jista' jsir biex dawn jiġu indirizzati, u tirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fost l-oħrajn diskussjonijiet f'workshops.

Fl-aħħar, 10 snin wara tmiem id-data ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwettqu evalwazzjoni biex jivverifikaw sa liema punt ikunu ntlaħqu l-objettivi tal-inizjattiva.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni se tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta kif ukoll għar-rapportar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effiċjenza u l-implimentazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni tista' tiġi assistita mill-EMSA kif xieraq biex tipprovdi s-servizzi tal-IT u tiżviluppa l-għodod tal-IT meħtieġa għad-dispożizzjonijiet ta' rapportar, monitoraġġ u verifika tar-Regolament propost. L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jwettqu t-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom sal-iskadenza

msemmija fid-Direttiva. L-attivitajiet ta' infurzar se jitwettqu bħala parti mill-kontrolli tal-Istat tal-Port.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Filwaqt li l-Kummissjoni se tkun responsabbli b'mod ġenerali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta kif ukoll għar-rapportar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-konformità tal-Istati Membri, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima se tkun responsabbli għat-twettiq tal-operat tagħha u għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' kontroll intern tagħha. Se jkun meħtieġ li jiġu żviluppati għodod u moduli tal-IT, kif ukoll li jiġi pprovdut taħriġ lill-uffiċjali tal-Kontroll mill-Istat tal-Port, u l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jwettqu infurzar.

L-EMSA tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex twettaq ir-rapportar u l-valutazzjoni tal-kompiti ta' konformità, minħabba li din se tkun ħidma teknika, li tirrikjedi għarfien espert b'saħħtu fil-ġestjoni tad-*data*, kif ukoll fehim fil-fond ta' kwistjonijiet tekniċi kumplessi relatati maċ-ċertifikati elettroniċi u mat-taħriġ.

L-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex iwettqu l-infurzar tad-Direttiva proposta, b'mod partikolari billi jkomplu jinfurzaw il-kontroll mill-Istat tal-port b'mod armonizzat.

Id-DĠ MOVE se japplika l-kontrolli meħtieġa f'konformità mal-istrateġija ta' superviżjoni adottata fl-2017 dwar ir-relazzjonijiet tad-DĠ mal-aġenziji deċentralizzati u l-impriżi Konġunti. Skont l-istrateġija, id-DĠ MOVE jimmonitorja l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit, ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u l-kwistjonijiet amministrattivi. Jiġi pprovdut rapport mill-Aġenzija fuq bażi biennali. Il-kontrolli mwettqa fuq is-superviżjoni tal-Aġenzija kif ukoll fuq il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja relatata huma f'konformità mal-Istrateġija ta' Kontroll tad-DĠ MOVE, aġġornata fl-2022.

Ir-riżorsi addizzjonali mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-EMSA se jkunu koperti mis-sistema ta' kontroll interna tal-EMSA u s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju li hija allinjata mal-istandards internazzjonali rilevanti u tinkludi kontrolli speċifiċi sabiex jiġi evitat il-kunflitt ta' interess u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-informaturi.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-pagamenti u fl-għeluq)*

Skont id-Direttiva proposta, se jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali biss lill-EMSA, li se jkun meħtieġ biex jiġu żviluppati għodod u moduli tal-IT, kif ukoll biex jingħata taħriġ lill-PSCOs nazzjonali

L-EMSA għandha responsabbiltà sħiħa għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħhom, filwaqt li d-DĠ MOVE huwa responsabbli għall-pagament regolari tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti mill-Awtorità Baġitarja. Il-livell mistenni ta' riskju ta' żball fil-pagament u fl-għeluq huwa simili għal dak marbut mas-sussidji baġitarji pprovduti lill-Aġenzija.

Il-kompiti addizzjonali li jirriżultaw mir-reviżjoni proposta ma humiex mistennija jiġġeneraw kontrolli addizzjonali speċifiċi. Għalhekk, il-kost tal-kontroll għad-DĠ MOVE (imkejjel skont il-valur tal-fondi ġestiti) huwa mistenni li jibqa' stabbli.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Id-Direttiva proposta fiha diversi dispożizzjonijiet immirati speċifikament lejn il-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet. L-Istati Membri se jkollhom Sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità (QMS) biex jiċċertifikaw l-organizzazzjoni, il-politiki, il-proċessi, ir-riżorsi u d-dokumentazzjoni tagħhom huma xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tagħha. Dan se jkollu jiġi ċċertifikat u sussegwentement soġġett għal awditjar kull 5 snin. L-Istati Membri se jkollhom jaqsmu mal-Kummissjoni u/jew mal-EMSA r-riżultati tal-awditi mwettqa mill-korp akkreditat b'tali mod li l-amministrazzjoni tal-PSC żżomm iċ-ċertifikazzjoni tal-QMS tagħha. Id-Direttiva tipprevedi wkoll li r-rapporti kollha ta' spezzjoni tal-PSC jiġu vvalidati minn persuna (spettur jew superviżur ieħor tal-kontroll mill-Istat tal-port) għajr l-ispettur li wettaq l-ispezzjoni qabel ma r-rapport ta' spezzjoni jiġi ttrasferit fil-bażi tad-*data*.

L-EMSA tapplika l-prinċipji kontra l-frodi tal-Aġenziji deċentralizzati tal-UE, f'konformità mal-approċċ tal-Kummissjoni. F'Marzu 2021, l-Aġenzija adottat Strateġija aġġornata Kontra l-Frodi, ibbażata fuq il-metodoloġija u l-gwida għall-istrateġija kontra l-frodi ppreżentata mill-OLAF kif ukoll fuq l-Istrateġija kontra l-Frodi tad-DĠ MOVE. Dan jipprovdi qafas li jindirizza l-kwistjonijiet ta' prevenzjoni, detezzjoni u kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet ta' frodi fil-livell tal-Aġenzija. L-EMSA kontinwament tadatta u ttejjeb il-politiki u l-azzjonijiet tagħha biex tippromwovi l-ogħla livell ta' integrità tal-persunal tal-EMSA, tappoġġa l-prevenzjoni effettiva u l-identifikazzjoni tar-riskju ta' frodi u tistabbilixxi l-proċeduri xierqa biex tirrapporta u tittratta każijiet potenzjali ta' frodi u l-eżitu tagħhom. Barra minn hekk, fl-2015, l-EMSA adottat il-politika tagħha dwar il-Kunflitt ta' Interess għall-Bord tat-Tmexxija.

L-EMSA tikkoopera mas-servizzi tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet. Il-Kummissjoni se tiżgura li din il-kooperazzjoni tkompli u tissaħħaħ.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff[33]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[34] | mill-pajjiżi kandidati jew mill-kandidati potenzjali[35] | Minn pajjiżi terzi oħrajn | dħul assenjat ieħor |
| 1 | 02 10 02 | Mhux diff. | IVA | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

[33] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[34] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[35] Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati jew mill-kandidati potenzjali | minn pajjiżi terzi oħrajn | dħul assenjat ieħor |
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 1 | Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali |
|---|---|---|

| Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) | | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Sena **2028-2034** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1: | Impenji | (1) | 0,171 | 0,342 | 0,342 | 2,394 | **3,249** |
| | Pagamenti | (2) | 0,171 | 0,342 | 0,342 | 2,394 | **3,249** |
| Titolu 2: | Impenji | (1a) | | | | | |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | |
| Titolu 3: | Impenji | (3a) | 0,068 | 0,479 | 0,504 | 1,778 | **2,829** |
| | Pagamenti | (3b) | 0,068 | 0,479 | 0,504 | 1,778 | **2,829** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-EMSA** | Impenji | =1+1a +3a | 0,239 | 0,821 | 0,846 | 4,172 | **6,078** |
| | Pagamenti | =2+2a +3b | 0,239 | 0,821 | 0,846 | 4,172 | **6,078** |

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP kurrenti huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi Umani | | | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | |
| **TOTAL TAD-DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti) | | | | | | | | |

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Sena **2028-2034** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0,239 | 0,821 | 0,846 | 4,172 | **6,078** |
| | Pagamenti | 0,239 | 0,821 | 0,846 | 4,172 | **6,078** |

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP kurrenti huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-EMSA*

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Ammonti f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[36] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[37]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **KOST TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

Meta jkun applikabbli, l-ammonti jirriflettu s-somma tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-aġenzija u dħul ieħor tal-aġenzija (tariffi u imposti).

36 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

37 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi …"

*3.2.3. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-EMSA*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali) Meta applikabbli, l-ammonti jirriflettu t-total tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-aġenzija u dħul ieħor tal-aġenzija (tariffi u imposti).

| | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Sena **2028-2034** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi AD) | 0,171 | 0,342 | 0,342 | 2,394 | **3,249** |
| Aġenti temporanji (Gradi AST) | | | | | |
| Aġenti kuntrattwali | | | | | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | |
| **TOTAL** | **0,171** | **0,342** | **0,342** | **2,394** | **3,249** |

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP kurrenti huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

| | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Sena **2028-2034** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi AD) | 2 | 2 | 2 | 2 | **2** |
| Aġenti temporanji (Gradi AST) | | | | | |
| Aġenti kuntrattwali | | | | | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | |
| **TOTAL** | **2** | **2** | **2** | **2** | **2** |

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP kurrenti huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.

L-EMSA se tibda tħejji r-reklutaġġ hekk kif tiġi adottata l-proposta. Il-kostijiet huma stmati abbażi tas-suppożizzjoni li ż-żewġ FTEs jiġu rreklutati mill-1 ta' Lulju 2025. Għalhekk huma meħtieġa biss 50 % tal-kostijiet tar-riżorsi umani għall-ewwel sena.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*Stima li trid tingħata f'ammonti sħaħ (jew l-iktar l-iktar għal pożizzjoni deċimali waħda)*

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | |
| 20 01 02 01 u 20 01 02 02 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| • **Persunal estern (f'unità ekwivalenti għal Full Time: FTE)**[38] | | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| Linja/i bağitarja/i (speċifika )[39] - fil-Kwartieri Ġenerali[40] | | | | | | | |
| Linja/i bağitarja/i (speċifika )[39] - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **01 01 01 02** (AC, END, INT – Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji bağitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | |

38 AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

39 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

40 Prinċipalment għall-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA).

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | |
| Persunal estern | |

Id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-kost għall-unitajiet FTE jenħtieġ li tiġi inkluża fit-Taqsima 3 tal-Anness V.

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Il-kompiti allokati lill-EMSA se jirrikjedu riprogrammazzjoni tal-linja baġitarja għall-kontribuzzjoni annwali lill-Aġenzija (02 10 02) skont il-qafas finanzjarju pluriennali attwali. Iż-żieda fl-approprjazzjonijiet għall-EMSA se tiġi kkumpensata minn tnaqqis kumpensatorju tal-infiq ipprogrammat taħt is-CEF Trasport (02 03 01) taħt il-qafas finanzjarju pluriennali attwali. L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP kurrenti huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar l-QFP. |

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[41].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[41] Ara l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2093/2020 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[42] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

42 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.